MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Abdulhalim Mawlud Ghedari, iben
Mawlud, imwieled fi Tripoli, Libya
fl-24 ta' april, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat, f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u il-Kummissarju
tal-VAT –
1. talli fit-28 ta' ajnnar, 2004 malli wasal Malta, mat-titjira KM697, minn Tripoli, Libya ġewwa l-airport internazzjonali ta' Malta, xjentement, naqas li jiddikjara lill-uffiċjal tad-dwana, billi għadda mill-'green channel', l-oġġetti hawn taħt imsemmija:
a. tlett (3) arloġġi tal-marka 'Rolex'
valur Lm15 dazju Lm0.76,5

b. ħdax (11) il-par 'sport shoes' tal-marka 'Nike'
valur Lm44 dazju Lm3.52
ċ. tlett (3) 'track suits' tal-marka 'Nike'
valur Lm15 dazju Lm2.10
d. 'track suit' tal-marka 'Adidas'
valur Lm5 dazju Lm0.70
e. sitt (6) 'tops' tal-marka 'Levis'
valur Lm18 dazju Lm2.80
f. ħames (5) jeans tal-marka 'Diesel'
valur Lm20 dazju Lm2.80
g. tlett (3) ġjakketti tad-denim tal-marka 'Diesel'
valur Lm12 dazju Lm1.68
Dawn l-oġġetti li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u\jew ristretta, għandhom valur totali ta' Lm129, dazju dovut Lm14 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud Lm25.75 liema dazju u taxxa fuq il-valur mizjud ma ġiex imħallas u\jew kawtelat.

2. talli taħt l-istess ċirkostanżi, xjentement qiegħed fiċ-ċ-irkolazzjoni, biegħ, jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbħin b'qerq, u cioe' oġġetti tal-marka Rolex, Nike, Adidas, Levis u Diesel.

3. talli taħt l-istess ċirkostanżi bi qliegħ jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għal biegħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew ħaġa oħra bil-ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra protetti bil\jew taħt il-liġi ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenrali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' frar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 298(1)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 60(a)(b)(ċ)(k) u 62 (a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(l)(k) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-A.L. 44 ta' l-1982 u l-artikolu 80 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 u tikkundannah għal piena ta' erbatax
il-ġurnata priġunerija li minnhom irid jitnaqqas il-perjodu ta' l-arrest preventiv. Tordna l-konfiska ta' dawn l-oġġetti favur il-Gvern ta' Malta u tordna t-tkeċċija tiegħu minn dawn il-Gżejjer.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------